MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 343/2008

**Simonds Farsons Cisk plc (C113)**

**Vs**

**Innocenza El Gasi maghrufa bhala Cinzia (KI numru 483559M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ sitt elef, hames mija u tmintax-il ewro u hamsin centezmi (€6,518.50) skond ftehim ta’ hlas (Dok A) jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi rapprezentanti valur ta’ prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta’ rikorrenti u dana a tenur ta’ ftehim bejn il-kontendenti (Dok B) u dana kif kollu ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jaffettwa il-hlas relattiv, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-14 ta’ Lulju, 2008 pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali fir-rikors imsemmija u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 sa fol 6 tal-atti, kif ukoll id-digriet a fol 19 u fol 20 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-28 ta' Settembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' €6,518.50 (sitt elef, hames mija u tmintax-il ewro u hamsin centezmi) bl-imghax legali mit-13 ta’ Settembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Lulju 2008 imsemija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------